**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 277/2000**

**Il-Pulizija (Seduta ta' San Giljan)**

**Vs**

**JOSEPH DEGUARA**

**Illum, 15 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Joseph Deguara gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta'Lulju, 2000, bejn l-4.30 p.m. u l-5.00 p.m., waqt li kien gewwa l-Pjazza Qalb ta'Gesu', San Giljan :

**1.** Hedded lill-P.S. 621 Pierre Calleja w lill-P.C. 393 Laferla w lil P.C.844 Galea, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu, jew minhabba li kienu ghamlu, dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz ;
2. Naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel ;
3. Qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku ;
4. Volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u bil-glied.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fis-6 ta'Dicembru, 2000, li biha wara li ddikjarat l-akkuzi kollha dedotti kontra Joseph Deguara preskritti bil-preskrizzjoni trimestrali, illiberatu minnhom kollha ghal din ir-raguni.

Rat ir-rikors t'appell ta' l-Avukat Generali datat 15 ta'Dicembru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza ta' l-ewwel Qorti billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat preskritti t-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) akkuzi, izda thassarha in kwantu ghall-ewwel (1) akkuza, u, wara li tisma l-provi hi, issib htija fuq l-istess akkuza kontra Joseph Deguara w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Rat is-sentenza preliminari ta' din il-Qorti moghtija fis-16 ta'Mejju, 2001, li biha laqghet l-appell ta' l-Avukat Generali fis-sens li kkonfermat is-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2), it-tielet (3), u r-raba (4) akkuzi, u

hassritha in kwantu ghall-ewwel akkuza stante li ddikjarat li din l-akkuza ma kienetx preskrivibbli bil-perijodu preskrittiv trimestrali, izda b'dak ta'sentejn stante li din l-akkuza tirreferi ghall-delitt, u ordnat li hi stess tisma l-provi safejn dawn jikkoncernaw din l-ewwel akkuza biss u tkun hi li tiddeciedi dwarha.

Semghet lix-xhieda kollha taht gurament fis-seduta tal-31 ta'Mejju, 2001, inkluz lill-istess appellat Joseph Deguara.

Rat id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi mill-kompless tal-provi li semghet din il-Qorti, jinkwadra ruhu perfettament ir-reat addebitat lill-appellat Joseph Deguara taht l-ewwel akkuza.

Ma hemm ebda dubju li waqt l-incident in kwistjoni li kien inqala' bejn l-appellat u xi pulizija, fosthom il-P.S. 621 Pierre Calleja, kemm gewwa l-ghassa tal-pulizija ta'San Giljan, u anke barra mill-istess ghassa, l-appellat kien qal kliem li ndubjament jikkostitwixxi forma ta' theddid lil dawn il-pulizija u li sarilhom waqt li kienu qedin jesegwixxu din il-funzjoni taghhom.

Ghalhekk ma hemm ebda dubju li din l-akkuza tirrizulta sufficjentement ipprovata skond il-ligi.

Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 95 (1) tal-Kodici Kriminali, issib lill-Joseph Deguara hati ta' din l-akkuza, u, konsegwentement, qed tikkundannah Lm50 Multa pagabbli skond il-ligi.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur